# RIFORMA MEPA u Ambjent

## Ambjent u Kontroll tal-Iżvilupp

### <u>X'inhuma l-problemi?</u>

### Awtorità b'personalità doppja

*Il-MEPA twaqqfet fl-2002 bil-għan li Awtorità waħda tieħu ħsieb kemm l-ippjanar tal-iżvilupp kif ukoll il-ħarsien tal-ambjent; żewġ funzjonijiet li diversi drabi jinvolvu interessi konfliġġenti.*

### …. mingħajr awtonomija

*Il-maġġor parti tal-membri tal-bordijiet li jmexxu l-Mepa huma maħtura mill-gvern. Minħabba f'hekk ħafna mid-deċiżjonijiet li jittieħdu kemm mill-Mepa kif ukoll mill-bordijiet li jmexxuha jidhru li jħarsu l-interessi elettorali tal-partit fil-gvern jew ta' lobby groups li għandhom influwenza qawwija fuq il-partiti politiċi tradizzjonali, bħal per eżempju l-kuntratturi jew il-kaċċaturi; hekk ġara fil-każ fl-eżenzjoni mill-obbligu li jsir EIA għall-proġett ta' Fort Cambridge, hekk ġara fl-estensjoni taż-żoni ta' żvilupp, hekk ġara fil-każ tal ogħti tal-permess għall-proġett tar-Ramla il-Ħamra, hekk qed jiġri fin-nuqqas ta' infurzar tal-liġijiet li jirregolaw l-emissjonijiet minn impjanti bħaż-żewġ power stations.*

### …u li spiċċat biex tradiet l-aspirazzjonijiet ta' ħafna Maltin li vvotaw favur sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea.

*Ħafna Maltin vvotaw favur is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja għax ħasbu li din kienet ser iġġib magħha qabża fil- kwalità tal- ħajja tagħhom, b'ambjent aħjar, qed jħossu li l-aspirazzjonijiet tagħhom qed jiġu traduti, minn MEPA li qiegħda hemm biss biex tiddefendi l-politika żbaljata tal-Gvern f'dan il-qasam.*

… u hekk jibqa' sakemm jinbidel ix-xenarju tal-politika Maltija.

Bħala parti minn koalizzjoni governattiva l-Alternattiva Demokratika taħdem biex:

1. Tissolva il-kwistjoni taż-żewġ rwolijiet konfliġġenti tal-Mepa, billi diin tinqasam f'żewġ awtoritajiet separati, waħda responsabbli għall-ħarsien tal-ambjent u l-oħra responsabbli għall-ippjanar u l-kontroll tal-iżvilupp.

2. Jitnaqqas l-indħil tal-gvern fit-tmexxija ta' dawn iż-żewġ awtoritajiet billi:

    a) jkunu soġġetti għall-iskrutinju kontinwu ta' żewġ kumitat parlamentari separati: wieħed ghall-ambjent u l-ieħor għall-ippjanar ta' l-iżvilupp, u b'hekk dawn l-awtoritajiet ma jibqgħux jagħmlu parti mill-portfolio ta' ministru partikolari.

    b) jiġi ntrodott Kodiċi ta' Etika għall-i*staff* ta' dawn l-Awtoritajiet li fost oħrajn jassigura li l-politiku ma jinvolvix ruħu fil-ħidma ta' kuljum ta' dawn l-Awtoritajiet. Huwa neċessarju ukoll li dak li jirriżulta minn laqgħat meħtieġa jkun dokumentat kif ukoll li din id-dokumentazzjoni tkun aċċessibbli għall-pubbliku.

# RIFORMA MEPA u Ambjent

3. L-awtonomija tal-bordijiet ta' dawn l-awtoritijiet tkun imħarsa u msaħħa billi:
    a) Ma jkunx possibbli li jiġu nnominati persuni li għandhom kunflitt ta' interess, membri parlamentari kif ukoll l-uffiċjali pubbliċi. Il-membri paralamentari għandhom jkunu liberi li jarblu il-ħidma ta' dawn l-awtoritajiet bl-akbar reqqa. L-uffiċjali pubbliċi m'għandhomx jitqiegħdu fis-sitwazzjoni diffiċli, fejn ikollhom jieħdu deċiżjonijiet li jmorru kontra l-interessi politiċi tal-gvern tal-ġurnata.

    b) Il-ħatra tal-membri tal-bordijiet taż-żewġ Awtoritajiet tkun soġġetta għall-approvazzjoni tal-Kumitat Parlamentari permezz ta' smigħ pubbliku. Il-Kumitat Parlamentari jgħarbel il-kompetenzi tal-persuni nominati u jiddeċiedu jekk japprovawx jew le in-nomini mressqa mill-Gvern tal-ġurnata. B'hekk titnaqqas il-possibilità ta' ħatriet partiggjani;

    c) Dawn il-bordijiet qiegħdin hemm biex iħarsu l-interessi tal-kommuità mhux l-interssi partiġġjani tal-partit fil-Gvern u għalhekk il-membri ta' dawn il-bordijiet għandhom jintgħażlu minn fost is-socjeta ċivili, inkluż ir-rappreżentati tal-NGOs kif ukoll tal-kunsilli lokali.

4. Tissaħħaħ is-sorveljanza fuq l-operat tal-Awtorità għall-Ħarsien tal-Ambjent u tal-Awtorità għall-Ippjanar ta' l-Iżvilupp billi l-ħatra tal-Uffiċjali tal-Verifika tibda ssir direttament mill-Ombudsman. L-Uffiċji tal-Verifika għandhom jkunu amministrattivament parti mill-uffiċju tal-Ombudsman. B'hekk tiġi mħarsa l-indipendenza tagħhom.

5. Il-proċess tal-ippjanar ma jibqax żbilanċjat favur il-kutratturi billi:

    a) L-obbligu li jiġu ikkonsultati r-residenti permezz ta' smigħ pubbliku jiġi estiż għall-proġetti kollha li jirrikjedu Eia.

    b) Id-deċiżjoni li jitneħħa l-obbligu li ma jsirx EIA ma tibqax tittieħed aktar fil-magħluq permezz ta' deċiżjoni amministrattiva, iżda tibda tittieħed fil-pubbliku minn Bord magħmul minn persuni li jifhmu. Għanda tkun suġġetta għall-appell. B'hekk jsir aktar diffiċli li jsiru konfoffi fil-magħluq biex jiġu evitati l-EIAs.

    c) Il-Ministru, l-uffiċjali tiegħu jew bordijiet maħtura mill-ministru m'għandhomx ikunu involuti fil-proċess tal-Appell relattiv għall-EIAs, biex kull deċiżjoni li tittieħed f'dan ir-rigward tkun teknika mhux politika.

    d) Ikun assigurat li l-pubbliku jkun kontinwament infurmat bi proposti ta' żvilupp, billi fost oħrajn ikollhom aċċess kontinwu għal kull rapport sottomess inkluż l-EIA sħih (kemm l-abbozz kif ukoll ir-rapporti finali) u li l-ħlas mitlub għal dawn ir-rappori jkun wieħed raġjonevoli .

    e) Sabiex il-kuntrattur ma jitħalliex jistagħna minn fuq dahar il-komunità, il-kunċett ta' *Planning Gain* jithaddem b' tali mod li jiżgura li il-kuntrattur jagħmel tajjeb għal kull impatt li l-iżvilupp propost ikollu fuq l-infrastruttura u l-faċilitajiet komunitarji.

# RIFORMA MEPA u Ambjent

6. L-infurzar tal-liġi fil-qasam tal-ambjent u l-ippjanar u l-kontroll ta' l-iżvilupp jieħu ir-ruħ billi:
    a) Ir-rapporti tal-uffiċjali tal-infurzar, bir-rakkomandazzjonijiet tagħhom jsiru aċċessibbli għall-pubbliku billi jitqiegħdu fuq il-website hekk kif dawn ikunu definittivi.

    b) Id-deċiżjoni li ttieħed xi forma ma azzjoni tkun responsabbiltà tal-Kap tal-Ispettorat biss, mingħajr ma jkun hemm bżonn ta xi forma ta' awtorizazzjoni mill-bordijiet ta' dawn l-awtoritajiet jew miċ-*Chairpersons* tagħhom.

7. Jitwettqu l-aspirazzjonijiet ta' dawk kollha li vvotaw iva għas-sħubija fl-Ewropa għaliex:

    a) Ma jibdewx jiġu ikkunsidrati applikazzjonijiet għal bini tat-tip *high rise* sakemm il-policy li tat ir-riħ għal dan it-tip ta'żvilupp (l-hekk msejħa FAR jew *Floor Area Ratio*) ma tiġix soġġetta għall-istima tal-impatt strateġiku ambjentali (SEA), li tistudja l-impatt ta' dan it-tip ta' żvilupp fuq il-ħajja tar-resident u fuq l-ambjent.

    b) Il-konfini tal-iżvilupp jerġgħu lura għal dawk li kienu qabel is-26 ta' Lulju 2006, meta l-Gvern bi ksur tal-liġijiet ambjentali Ewropej, għadda mill-parlament il-mozzjoni dwar l-estensjoni ta' dawn iż-żoni.

    c) Jiġu infurzati b'mod rigoruż il-liġijiet u il-policies eżistenti rigward l-iżvilupp il-barra mill-konfini (ODZ).

    d) Il-ħarsien tal-pajsaġġ jibda jittieħed aktar bis-serjetà meta jkunu qed jiġu diskussi applikazzjonijiet għal permessi tal-iżvilupp.

    e) Malta tkun konformi, mill-aktar fis possibbli mad-Direttivi ambjentali kollha tal-Unjoni Ewropea, inklużi d-Direttiva dwar l-għasafar, id-Direttiva dwar il-habitats, id-Direttiva dwar l-inċinerazzjoni tal-iskart u d-Direttiva dwar l-impjanti l-kbar tal-kombustjoni (*power stations*).